**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' April 2016**

Rikors Guramentat Nru. 190 / 15RGM

Kawza fil-lista: 10

**S X**
**vs**
**L-Avukat Abigail Bugeja u l-Prokuratur Legali Francesco Catania li b'digriet datat 10 ta' Lulju 2015 gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti L U**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fis-17 ta' Awwissu 2015 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-esponenti u l-assenti L U kellhom relazzjoni flimkien barra z-zwieg li minnha twieldu zewgt itfal A P U li twieled nhar id-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) u M U li twieled nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008);

Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet ntemmet u l-minuri dejjem irresjedew mar-rikorrenti u dejjem hadet hsiebhom hi u l-intimat qatt ma pprovda xejn ghall-ghejxien tal-minuri;

Illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) din l-Onorabbli Qorti ghogobha tawtorizza lill-esponenti sabiex tipprocedi b'citazzjoni prevja konferma ta' 1-ittra bil-gurament u prevja n-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti;

Illi l-intimat qatt ma kien partecipi fil-hajja tal-minuri u hlief theddid li ser jisraqhom lil-esponenti u johodhom fis-Sirja ma kienx jaghmel u dan fost sensiela ta' telefonati ta' theddid u allegazzjonijiet li huwa gej Malta ghax qieghed imsiefer;

Illi r-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprotegi f'dina l-istanza kontra l-intimat.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tafda permanentament lir-rikorrenti l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri A P U li twieled nhar id-dsatax (19) ta' Marzu tas-sena elfejn u sebgha (2007) u M U li twieled nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Tordna illi kull beneficju u/jew ghajnuna socjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri A P U u M U tinghata unikament lir-rikorrenti.

Tiffissa ammont tal flus li ghandu jithallas lir-rikorrenti minghand l-intimat bhala kumpens xieraq ghaz-zmien kollu illi hija kellha tipprovdi ghal uliedhom minghajr ebda ghajnuna jew kontribut da parti tal-intimat u dan minn meta twieldu sad-data tas-sentenza finali u konsegwentement tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi ffissata.

Tiffissa rata ta’ kull gimgha li l-intimat ikun ikkundanat ihallas lir-rikorrenti bhala manteniment xieraq u adegwat lil A P U u M U, liema manteniment ghandu jkopri wkoll l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u mhux biss l-ghexien taghhom u liema manteniment ghandu jigi rivedut minn zmien ghal zmien, u konsegwentement tikkundana lill-intimat ihallas lir-rikorrenti, ta' kull gimgha dik is-somma li tigi hekk iffissata.

Tordna illi mid-data tas-sentenza l’ quddiem u meta l-esponenti tigi biex issiefer ma' uliedha u anke meta uliedha minuri jkunu ser issiefru mal-iskola jew anke fuq avvenimenti ta' sport jew divertiment anke fl-assenza tal-esponenti dan is-safar ikun jista' jsir in forza tas-sentenza li tigi moghtija fuq dan ir-rikors mahluf u minghajr il-htiega li titlob permess kull darba mill-Qorti kompetenti ghal dan il-ghan u konsegwentement tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Ufficjal Principali tal-passaporti u jekk ikun il-kaz lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan sabiex kemm l-esponenti kif ukoll il-minuri ma jigux affacjati b'diffikultajiet kull darba li jigu biex isiefru u dan taht dawk il-prowedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghti.

Tiddikjara li l-esponenti ghandha d-dritt li tiffirma ghall-hrug tal-passaport tal-minuri wahedha u minghajr il-htiega tal-firma tal-intimat, u li tali passporti ghandhom ikunu affidati eslussivament f'idejha;

Taghti dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-wild minuri fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari;

Tordna li kunjom il-minuri ikun dak ta' 'X U' jew 'U X' u dana fl-ahjar interess tal-minuri;

Tordna li l-effetti tal-Mandat ta' inibizzjoni fl-istess ismijiet bin-numru 155/2015/1 jigu kkonfermati permanentament fil-konfront ta' L U u dana fl-ahjar interess tal-minuri;

Bl-ispejjez kontra l-intimat kif debitament rapprezentat mill-kuraturi li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont hekk likwidat minn din il-Qorti a bazi tat-talbiet hawn fuq imsemmija sad-data tal-pagament effettiv u b'riserva ghall-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti.

Rat ir-risposta tal-konvenuti kuraturi ppresentata fit-22 ta’ Settembru 2015, li biha ddikjaraw li m’humiex edotti mill-fatti u rriservaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fl-14 ta’ Settembru 2015 li maghha gew annessi l-affidavit tal-istess attrici, ta’ Carmelo X u ta’ Jean Pierre Micallef;

Rat in-nota tal-attrici pprezentata fl-24 ta’ Settembru 2015, li maghha gie anness l-affidavit ta’ Angie Zerafa;

Rat in-nota tal-konvenuti kuraturi tas-26 ta’ Novembru 2015 li maghha hi annssa kopja ta’ ittra tad-29 ta’ Settembru 2015, indirizzata lill-konvenut f’zewg indirizzi differenti u li fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2015 Dottor Abigail Bugeja ikkonfermat li ma rceviet l-ebda risposta;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fl-14 ta’ Dicembru 2015;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti kuraturi pprezentata fit-18 ta’ Dicembru 2015;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Frar 2016 fejn il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

IL-PROVI.

L-attrici fl-affidavit taghha pprezentat u mahluf fl-14 ta' Settembru 2015, Fol.30 et seq. xehdet illi r-relazzjoni taghha mal-konvenut bdiet fis-sena 2003 meta ma kinitx ghaddiet minn xi ezami li kellha l-universita' u fl-istess zmien missierha kellu problem ta' sahha. Hi kienet tohrog ma' habiba u ma' kugina taghha, u lill-konvenut saret tafu ghax gie lilha indikat minn hbiebha li kien hu li kellu l-biljetti ghal xi party li xtaqhet tmur. Iltaqghet mieghu l-ewwel darba f'tas-Sliema u it-tieni darba f'San Giljan, marru ghall-party flimkien u wara bdew johorgu flimkien. Fil-bidu kien gentili hafna, hasbitu Malti billi jitkellem Malti tajjeb, qalilha li jismu Karlos, pero' wara xi xhur qalilha li kien jismu L u li kien single. Darba rat li kien mdejjaq u meta staqsietu qalilha li kellu bzonn LM3,000, marret il-bank u taghtu l-flus. Il-kugina taghha qaltilha li hu pprova johrog maghha ukoll izda hu qalilha li hi kienet ippruvat mhux hu, u l-attrici emmnet lilu. Billi bdiet iddum barra kien ikollha xi tghid ma' missierha u huha u hu kien jghidilha li l-familjari taghha ma jhobbuhiex. Kien jghidilha li kien jghix f'appartament propjeta' tieghu izda wara rrizulta li kien bil-kera u spiccat thallas il-kera hi stess billi hu ma hallashiex. Bdew jikkoabitaw, hu kien jilghab il-poker mal-hbieb ghal flus, kien jikkonsma ammont eccessiv ta' alchohol tant li gieli gie mkecci minn bars minhabba f'hekk.  Skopriet li kien membru fi strip club, kien jixrob u jpejjeb ma' shabu Gharab u kien jsir aggressiv, pastaz u insolenti. Kien jixtri drinks lil hafna nisa u kien jaghtihom in-numru tieghu. Gieli kien jaghmel lejl shih barra, kien johodilha il-flus u juza l-karozza taghha u lanqas jghidilha. F'Gunju 2006 nqabdet tqila bl-ewwel tarbija, izda hu qatt ma mar maghha ghall-vizti fl-isptar.

Kien dejjem jqum tard ghax-xoghol billi kien jaghmel l-iljieli barra jixrob. Qatt ma kien jaghtiha flus, kollox kienet tixtri hi. Kien juza il-karozza taghha u hi kienet thallas il-multi kollha li kien jaqla'. Kien ghamel hsara kbira fuq il-karozza taghha.

Darba rat li kellu ritratt ta' tifla u mill-kunjom ikkonkludiet li kienet binthu, izda hu cahad li kienet bintu pero' ammetta li kien gia' mizzewweg.  Sabitlu ritratt fuq il-mobile ta' mara u tifla u ammetta li kienu l-mara li kien mizzewweg maghha u binthom. Hu kien biz-zmien beda jghajjat maghha u mat-tfal, sar vjolenti u agressiv, darba ghamlilha sikkina ma' ghonqha biex tieqaf titkellem. Hi ghalhekk telqghet bit-tfal ghand il-genituri taghha, Hu baqa' juza il-pick-up van taghha u ma riedx jirritonalha l-istess. Wara xi sena hallilha il-vettura wara il-bieb ta'

wahda mill-girien, mahmuga u ma tahdimx. Gieli ha lit-tfal mieghu, u dawn qalulha li kien johodhom f'dar fejn kien jghix ma' mara u zewgt itfal. Darba segwitu u skopriet li hadhom f'bar go Hal-Safi u ghamlet rapport mal-Pulizija.
It-tifel l-kbir kellu problema biex jitkellem u z-zghir kellu problema fil-vizta tant li kellu bzonn operazzjoni. Hadet hsiebhom hi wahedha, tabba u operazzjonijiet. Il-konvenut qatt ma kien presenti la ghat-twelied tat-tfal u l-anqas ma ikkontribwixxa finanzjarjament ghat-trobbija taghhom. It-tifel il-kbir A jibza' hafna minn missieru u l-anqas telephone ma jirrispondi billi dejjem jahseb li missieru gej ghalih biex jiehdu mieghu u joqtol lil ommu. Dan qed jkun ta' hsara kbira ghat-tifel anke fl-iskola billi b'dawn il-hsiebijiet hu difficili ghalih biex jikkoncentra.

L-attrici tikkonkludi billi tiddeskrivi lill-konvenut bhala bniedem giddieb, hsiebu biss fin-nisa, aggressiv u vjolenti, jaqla' l-inkwit u mhux ta' ezempju tajjeb ghat-tfal. Hadilha flusha kollha u d-dinjita' taghha.

Carmelo X, hu l-attrici, fl-affidavit tieghu mahluf fl-14 ta' Settembru 2014, Fol. 34 et seq. iddikjara li sar jaf liil-konvenut u meta hu kien johrog ma ohtu, l-attrici li kienet introducietu bhala l-gharus taghha. Hu mill-ewwel ma kellux grazzja mal-konvenut u fuq dan kien jiftah qalbu ma' missieru. Hu kkonferma li kemm hu kif ukoll il-genituri tieghu qatt ma fdawh lill-konvenut. Meta tkellmu tahseb li hu ragel sew imma r-realta' kienet ferm differenti, billi kien bniedem vjolenti kemm mal-attrici kif ukoll mat-tfal. Kien jixrob sa tard bil-lejl, gieli ghamel tlett tijiem barra. Qatt ma kien jghin lill-attrici fit-trobijja tat-tfal, li rabbiethom wahedha billi it-tfal l-anqas jafuh lill-missierhom. Qatt ma attenda ghal xi attivita' tal-iskola tat-tfal, l-anqas tfacca meta ghamlu operazzjoni, t-tfal jiddependu minn ommhom u hafna drabi jghinuha il-familja taghha inkluz ix-xhud huha.  L-omm iddedikata kompletament ghal uliedha, kuntenta ticcahhad hi milli tara li t-tfal jkunu nieqsin minn xi haga, qatt ma haditlu it-tfal biex izzomhomlha biex tohrog mal-hbieb. Il-konvent kemm il-darba heddidhom li ma shabu jiehu lit-tfal u ma jarawhomx aktar. Il-livell ta' biza hu ghalhekk gholi hafna. Hu bniedem vjolenti kontinwament jhedded li jiehu it-tfal u lilhom , il-familjari jhanxrilhom ghonqhom. Dan it-theddid kien xi haga ta' kuljum.

Jean Pierre Micallef is-surmast tal-iskola tat-tfal, fl-affidavit tieghu, Fol.36 ikkonferma li l-attrici dejjem hadet hsieb iz-zewg uliedha, dejjem jkunu nodfa u qatt ma ra xi haga hazina f'dak li jirrigwarda it-trobbija tat-tfal. Hi biss tohodhom u tmur ghalihom, missierhom qatt ma deher u qatt ma ghamel kuntatt mal-iskola. It-tfal lill-ommhom jhobbuha hafna  u dejjem jkunu jistennew li tigi tigborhom.

Angie Zerafa, fl-affidavit taghha mahluf fit-23 ta' Settembru 2015, Fol.42. ikkonfermat li taf lill-attrici billi kienu jahdmu flimkien, u t-tnejn ghandhom it-

tfal. L-attrici hi mara twajba, qalba tajba u tghix ghall-uliedha, lesta ticcahhad hi biex tikkuntenta lit-tfal,li dejjem zammithom sew, nodfa u neqsin minn xejn. Lit-tfal rabbithom wahedha, b'hila, dedikazzjoni u success billi ghandha zewgt itfal edukati hafna.

Fin-nota tal-ossevazzjonijiet taghha, l-attrici, Fol 59 et seq. issottemettiet li ghalkemm saru tentattivi biex isir kuntatt mal-konvenut, dan baqa' ma sarx u ghalhekk il-verzjoni tal-fatti kif indikati mill-attrici baqghet ma gietx kontestata, dan apparti il-fatt li wiehed ma jistax ma japprezzax l-genwinita' tal-versjoni taghha, l-umilta' li ghexet fiha u s-sagrificcji kbar li ghamlet biex wahedha rabbiet liz-zewg uliedha.

L-attrici rrilevat li b'digriet tal-14 ta' Lulju 2015 l-Qorti fdat l-kura u l-kustodja pendente lite tal-minuri f'idejha, li l-konvenut qatt ma kien prezenti fil-hajja ta' uliedu ghajr biex jezercita fuqhom atti ta' vjolenza, partikolarment it-theddied li jiehu lit-tfal is-Sirja, il-gideb li l-attrici kienet soggetta ghalih billi hbielha li kien mizzewweg u kellu t-tfal minn mara ohra, u l-abbuzi li soffriet billi l-konvenut kien jfittxha biss biex johdilha flusha. Fil-fatt l-konvenut abbanduna lill-attrici u l-ulied hlief ghal xi telefonata okkazzjonali meta jhedded li jigi ghat-tfal.

L-attrici tissottometti illi wahedha pprovdiet ghall-htigijiet kollha tal-minuri, hi ghandha tibbenefika minn kull ghajnuna socjali talvolta pagabbli liz-zewg uliedha minuri.

Dwar il-manteniment l-attrici ghamlet referenza ghal diversi decizjonijiet u partikolarment ghal-ammont stabilit bhala manteniment adegwat meta l-mezzi jkunu hekk imsejjha 'medji'. F'dan il-kuntest rrilevat li l-konvenut, meta kien jahdem Malta kien jghid li kien jkollu kuntratti kbar ta' xoghol ta' kisi u tibjid tant li kien johrog jixrob biex jiccelebra. Hi tissottometti li decizjonijiet dwar safar tat-tfal ghandha tohodhom hi fl-ahjar interess tal-istess tfal. Hi tirrileva li l-kunjom U hu ta' pregudizzju ghat-tfal u ghalhekk titlob li jigi inkluz l-kunjom X, titlob ukoll li jigi kkonfermat il-Mandat ta' Inibizzjoni 155/2015/1 fl-ahjar interess tal-minuri.

KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI.

Il-ligi timponi l-obbligu fuq il-genituri li jmantnu lill-uliedhom skont il-mezzi taghhom ( Artikolu 3B (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 16;

“Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B, cioe' skont il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.

Artikolu 19(1);
“Fil-manteniment jidhlu l-ikel, l-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.”
(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjes mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.

Skont l-Artikolu 20;
(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-partijiet kellhom relazzjoni, barra z-zwieg, u min din r-relazzjoni twieldu, A  fid-19 ta' marzu 2007 u M li twieled fid-29 ta' Lulju 2009. Irrizulta mill-affidavit tal-attrici, li l-konvenut kien bniedem aggressiv u vjolenti, kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront tat-tfal, kien assolutament assenti fil-hajja tal-ulied, kien  jixrob u jisker, kellu l-vizzju tal-loghob ghall-flus, kien jitraskura x-xoghol billi kien jixtri materjali minghajr ma jhallas ghalihom u kien jimpjega l-haddiema u ma kienx ihallashom. Kien gideb mal-attrici meta qalilha li kien single meta wara rrizultalha li kellu familja ohra, u kien kontinwament jhedded lill-attrici li johodilha it-tfal. Ma kienx jikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-hajja u ghat-trobbija tat-tfal, hadilha flusha u l-karozza taghha u rritornalha l-istess vettura wara sena bil-hsara tant li ma kinitx tinsaq. Abbanduna lill-attrici u lill-uliedu u probabilment telaq minn Malta permanentement billi fiz-zewg indirizzi li kellu il-kuraturi ma rnexxhielhomx jikkomunikkaw mieghu.

Irrizulta abbondantement mill-provi li l-attrici hi mara bil-ghaqal, wahedha rnexxhielha trabbi zewgt itfal, iddedikat hajjitha ghalihom b'success kif konfermat minn Angie Zerafa, li ilha tafha s-snin billi kienet tahdem maghha, u Jean Pierre Micallef, is-surmast tal-iskola tat-tfal.

L-ulied gew deskritti bhala tfal edukati, mizmumin dejjem indaf, pero' jghixu fil-biza tat-telefonata rari tal-konvenut, li  tkun dejjem wahda ta' theddid, ta' vjolenza fuq l-omm, u li jiehu t-tfal mieghu. L-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement illi post it-tfal hu ma ommhom li rabbithom b'sacrificcji kbar izda b'imhabba u kura ezemplari.

Fic-cirkostanzi partikolari, t-talbiet attrici rrizultaw ampjament giustifikati u jimmeritaw li jigu milquha.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddecidi l-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta tal-kuraturi deputati ghall-assenti, tilqa' t-talbiet kollha attrici,

1. Tilqa l-ewwel talba attrici u tafda permanentemant favur l-attrici l-kura u l-kustodja minuri A P U li twieled fid-19 ta' Marzu 2007 u M U li twieled fid-29 ta' Lulju 2008;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tordna li kull beneficcju socjali talvolta pagabbli liz-zewg minuri ghandha tircevih l-attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma komplessiva ta' erbat elef ewro (Euro 4,000) rapprezentanti kumpens xieraq ghal ispejjez li l-attrici inkorriet wahedha fit-trobbija tal-ulied minuri sallum.

4. Tilqa' r-raba talba attrici u tiffissa il manteniment favur iz-zewg minuri fl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro (Euro 250) fix-xahar ghal kull wild, u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmi ammont b'effett millum;

5. Tilqa' l-hames talba attrici u tordna illi mid-data tas-sentenza l' quddiem u meta l-esponenti tigi biex issiefer ma' uliedha u anke meta uliedha minuri jkunu ser issiefru mal-iskola jew anke fuq avvenimenti ta' sport jew divertiment anke fl-assenza tal-esponenti dan is-safar ikun jista' jsir in forza tas-sentenza li tigi moghtija fuq dan ir-rikors mahluf u minghajr il-htiega li titlob permess kull darba mill-Qorti kompetenti ghal dan il-ghan u konsegwentement tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Ufficjal Principali tal-passaporti u lill-Kummissarju tal-Pulizija u tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lill-Ufficjal Principali tal-Passaporti u lill-Kummissarju tal-Pulizija;

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tordna li l-atrici wahedha ghandha d-dritt tiffirma ghall-hrug tal-passaporti taz-zewg minuri, u li dawn jkunu fil-pussess esklussiv taghha;

7. Tipprovdi dwar is-seba' talba attrici billi tawtorizza lill-attrici tiddecidi hi fl-ahjar interess taz-zewg minuri kwistjonijiet ta' safar u ta' edukazzjoni;

8. Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna li b'effett immedjat kunjom tal-minuri jkun 'X U' u tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att relattiv fir-Registru Pubbliku';

9. Tilqa’ d-disa talba attrici u tikkonferma l-Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-konvenut bin-numru 155/2015/1 u dan fl-ahjar interess taz-zewg minuri.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b’dan illi provvizorjament l-attrici ghandha thallas l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghall-assenti.

**Imhallef** **Deputat Registratur**